Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,300, 13 ta' Awwissu, 2024
Taqsima B

A.L. 194 tal-2024

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta' Skart)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta' Skart) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta' Skart), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 549.65.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Il-partita 3 tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'din il-partita ġdida li ġejja:

"3. Għall-ipproċessar mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe dokument ta' moviment għal kull kontejner fil-vjaġġ skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart, u għall-ipproċessar mill-awtorità kompetenti tad-dokument li jinsab fl-Anness VII skont l-Artikolu 18 tal-istess Regolament, dritt ta' ħamsa u tletin euro (€35) għandu jkun dovut lill-Awtorità kemm jekk tkun l-awtorità kompetenti ta' tluq, ta' passaġġ jew ta' destinazzjoni.".